DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR202246** **11.11.2020**

**STQARRIJA MILL-MINISTRU FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

***Il-Ministru Carmelo Abela b'appell lin-negozji u ċ-ċittadini għal tranżizzjoni diġitali. Ekonomija diġitali ttina vantaġġ kompetittiv globali bħala pajjiż***

**Diskussjoni pubblika mill-MEUSAC dwar Ewropa sinkronizzata mal-era diġitali**

Malta diġitali: Ċittadini, negozji, u Gvern diġitali huma pilastri ewlenin fl-istrateġija nazzjonali li tħares lejn ekonomija diġitali, li ttina vantaġġ kompetittiv bħala pajjiż fuq livell globali. Il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Carmelo Abela qal dan waqt li kien qed jindirizza diskussjoni pubblika onlajn, organizzata mill-MEUSAC. Hawn ġew diskussi temi marbuta mal-istrateġija diġitali tal-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin, il-progress ta' pajjiżna fil-qasam diġitali u l-ħtieġa tat-tisħiħ kontinwu fl-innovazzjoni teknoloġika u fil-ħiliet diġitali.

Il-Ministru Carmelo Abela tkellem kif l-użu ta' teknoloġija avvanzata ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tan-nies , inkluż fuq il-post tax-xogħol. Wera wkoll it-tħassib tiegħu fuq *id-digital divide* u qal li hawn irridu naraw li min waqa lura ngħinuh sabiex jimxi 'l quddiem. Hu qal li l-Gvern ser ikompli jara lin-negozji jingħataw assistenza sabiex ikollhom pjattaformi biex jibdew negozju, isibu data li għandhom bżonn, jikbru fl-innovazzjoni u jikkompetu b'mod ġust. B'hekk flimkien nagħmlu din il-qabża diġitali li l-pajjiż jeħtieġ. Qal li l-opportunitajiet qegħdin hemmhekk, anke permezz ta' fondi Ewropej.

Il-Ministru Abela kkummenta fuq il-ħidma tal-Gvern għal ekonomija diġitali. Innota kif il-pandemija Covid-19 aċċellerat il-bżonn li naqilbu t-teknoloġija u l-ekonomija tagħha għal waħda diġitali. Irrefera wkoll għall-Kummissjoni Ewropea, fejn qal li din qed tisħaq ħafna fuq eknomija ħadra u diġitali bħala potenzjal għal blokk ta' pajjiżi tagħha sabiex nikkompetu ma pajjiżi oħrajn, f'dinja globalizzata.

Waqt l-interventi tiegħu, il-Ministru Abela semma kif l-istrateġija diġitali għal pajjiżna għas-snin 2014-2020 hija imfassla fuq regolamentazzjoni, leġiżlazzjoni u l-kapital uman li jiffaċilita tranżizzjoni diġitali. Qal li li jekk inħarsu lejn l-investimenti konkreti li qegħdin isiru mill-Gvern, wieħed isib li Malta hija avvanzata ħafna. Innota kif is-servizz pubbliku Malti fl-2020 reġa' kklassifika fl-ewwel post fl-Ewropa fil-qasam tal-e-goverment.

Qal li sabiex ikompli jtejjeb ir-riżultati, is-servizz pubbliku, fl-aħħar ħames snin sar investiment bla preċedent ta' €150 miljun. Żied jgħid li l-Gvern fil-preżent qed jinvesti €40 miljun fl-infrastruttura diġitali tal-pajjiż.

Id-diskussjoni kienet it-tieni waħda f'serje ta' laqgħat li qegħdin isiru kull nhar ta' Erbgħa f'Novembru, dwar temi ewlenin għall-Unjoni Ewropea. Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Ministru



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt** **www.doi.gov.mt**

Carmelo Abela, Alex Agius Saliba, Membru tal-Parlament Ewropew, Dana Farrugia, Kap Eżekuttiv ta' Tech MT, u Carm Cachia, Kap Amministratur tal-eSkills Malta Foundation.